



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 11 ta' Diċembru 2017
(OR. en)

15573/17

DEVGEN 291
ACP 145
RELEX 1097
FIN 832
WTO 309
ENV 1056
COHOM 161

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	11 ta' Diċembru 2017
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	15498/17
Suġġett:	Niksbu l-Prosperità Inklużiva u Sostenibbli permezz tal-Kummerċ u l-Investment: Aġġornament tal-Istrateġija konġunta tal-UE tal-2007 dwar Għajnuna għall-Kummerċ - Konklużjonijiet tal-Kunsill (11 ta' Diċembru 2017)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill 'Niksbu l-Prosperità Inklużiva u Sostenibbli permezz tal-Kummerċ u l-Investment': Aġġornament tal-Istrateġija konġunta tal-UE dwar Għajnuna għall-Kummerċ, kif adottati mill-Kunsill fit-3587 laqgħa tiegħu li saret fil-11 ta' Diċembru 2017.

Konklużjonijiet tal-Kunsill**Niksbu l-Prosperità Inklużiva u Sostenibbli permezz tal-Kummerċ u l-Investment:
Aġġornament tal-Istrateġija konġunta tal-UE dwar Għajnuna għall-Kummerċ**

1. L-Għajnuna għall-Kummerċ (AfT) hija mezz essenzjali għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. Kif issottolinjat fil-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp¹, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser jippromwovu l-AfT biex jinqered il-faqar fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw billi jgħinuhom jisfruttaw kemm jista' jkun il-kummerċ u l-investment, isaħħu t-tkabbir inklużiv u sostenibbli, joħolqu impjiegi deċenti u jippromwovu l-integrazzjoni reġjonali.
2. Skont dawn l-oġġettivi ġenerali, il-Kunsill jilqa' l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Niksbu l-Prosperità permezz tal-Kummerċ u l-Investment: Aġġornament tal-Istrateġija Konġunta tal-UE tal-2007 dwar Għajnuna għall-Kummerċ".² Il-Kunsill ihegġegħ l-implimentazzjoni rapida tal-azzjonijiet proposti li għandhom l-għan li jsaħħu l-impatt ekonomiku u sostenibbli tal-AfT tal-UE, filwaqt li jibnu fuq firxa kbira ta' politiki u strumenti rilevanti li huma disponibbli għall-UE.
3. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet preċedenti tiegħu marbuta mal-għajnuna għall-kummerċ³, il-Kunsill jinnota li, minn meta l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ nediet l-Inizjattiva fl-2005, l-AfT tal-UE kkontribwiet biex il-kummerċ jiġi integrat fl-istrateġiji fil-qasam tal-iżvilupp tal-pajjiżi sħab u mmobilizzat finanzjament prevedibbli b'appoġġ għall-integrazzjoni tagħhom fil-kummerċ dinji u reġjonali u biex ikunu jistgħu jiksbu benefiċċju minnu. Madankollu, mhux il-pajjiżi kollha fil-fażi tal-iżvilupp u b'mod partikolari l-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati (LDCs) setgħu jiksbu l-benefiċċji mill-kummerċ internazzjonali.

¹ ĠU L 210, 30.6.2017, p. 1

² 14312/17 - COM(2017) 667 final

³ L-UE u l-Katini ta' Valur Mondjali Responsabbli (8833/16), Finanzjament għall-Iżvilupp (9241/15), is-Settur privat fl-Iżvilupp (11149/14) u l-approċċ tal-UE għall-kummerċ, it-tkabbir u l-iżvilupp fid-deċennju li jmiss (7412/12)

4. L-UE u l-Istati Membri tagħha flimkien huma l-akbar donatur ta' AfT fid-dinja u fl-2015 pprovdew aktar minn EUR 13-il biljun b'appoġġ għall-kapaċitajiet kummerċjali u produttivi.⁴Bosta pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp ibbenefikaw mill-AfT mill-UE u l-Istati Membri tagħha matul l-aħħar deċennju iżda l-allokazzjonijiet lill-LDCs u l-pajjiżi f'sitwazzjoni ta' fraġilità jew milquta minn konflitt staġnaw. Il-fatt li l-opportunitajiet offruti mill-istrumenti kummerċjali tal-UE u l-frammentazzjoni tal-AfT wkoll fixklu impatt akbar.
5. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tippromwovi miżuri li jindirizzaw b'mod effikaċi l-frammentazzjoni tal-AfT tal-UE billi jsir użu aħjar mid-diversi għodod ta' finanzjament għall-iżvilupp u l-modalitajiet ta' għajjuna, b'mod partikolari fil-livell ta' implimentazzjoni fil-pajjiżi sħab. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jissottolinja li l-AfT għandha tintuża b'mod effikaċi biex jissaħħu l-kapaċitajiet produttivi u l-iżvilupp tas-settur privat fil-pajjiżi sħab. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser itejbu l-koordinazzjoni u l-koerenza tal-AfT tagħhom ma' forom oħra ta' assistenza, u jżidu l-effett ta' lieva tagħha permezz ta' taħlita ta' strumenti, garanziji għall-kondiviżjoni tar-riskju, assistenza teknika u tisħiħ tal-kapaċitajiet kif juri l-Pjan ta' Investiment Estern, b'mod partikolari bl-appoġġ għall-oġġettivi għat-titjib tal-ambjent kummerċjali u tal-investiment fi ħdan it-tielet pilastru tagħha.
6. L-UE u l-Istati Membri, f'kooperazzjoni ma' pajjiżi sħab, ser isaħħu wkoll il-koerenza tal-AfT ma' politiki u strumenti oħra tal-UE inkluż il-politika kummerċjali, b'mod partikolari l-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles (FTAs), Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika u l-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi (GSP) sabiex tiġi appoġġata l-integrazzjoni tal-pajjiżi f'fażi ta' żvilupp fil-ktajjen ta' valur mondjali u reġjonali u biex titrawwem l-integrazzjoni ekonomika reġjonali f'dan ir-rigward. L-UE u l-Istati Membri tagħha jenfasizzaw l-importanza li jingħata appoġġ għall-implimentazzjoni tal-istandards internazzjonali tax-xogħol u dawk ambjentali li jagħmlu parti integrali mill-ġenerazzjoni l-ġdida ta' ftehimiet kummerċjali tal-UE u tal-GSP+.

⁴ Sors: Rapport ta' Monitoraġġ 2017 dwar l-Għajjuna għall-Kummerċ tal-UE

7. L-UE u l-Istati Membri tagħha jerġgħu jaffermaw l-impenn tagħhom għall-prinċipji ta' effikaċja tal-iżvilupp u f'dak ir-rigward jissottolinjaw in-natura tal-AfT tal-UE li hija mmexxija mid-domanda u li twieġeb għall-kapaċitajiet u l-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull pajjiż sieħeb. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser iżidu ulterjorment l-impatt u l-effikaċja tal-AfT tagħhom billi jużaw approċċ, li huwa aktar ibbażat fuq l-evidenza, għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' inizjattivi marbuta mal-AfT u b'hekk jimmiraw għal ostakoli għall-kummerċ u l-investiment.
8. Il-Kunsill ifakkar fir-rwol importanti tas-settur privat biex jiġu identifikati l-ħtiġijiet u jitħeġġu r-riformi fl-ambjent kummerċjali u tan-negozju fil-livelli nazzjonali, reġjonali u internazzjonali. F'dan ir-rigward, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser isaħħu d-djalogu u l-kooperazzjoni tagħhom mas-settur privat, inkluż il-mikro-intrapriżi, l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, biex jiżiedu l-impatt u r-rilevanza tal-AfT, kif jidher mill-istabbiliment tal-pjattaforma Kummerċ Sostenibbli għall-Afrika taħt l-EIP, u filwaqt li jinbena fuq in-netwerks tal-gruppi kummerċjali u l-kmamar tal-kummerċ. Il-Kunsill jistieden ukoll lill-Kummissjoni biex tintegra l-perspettivi tas-soċjetà ċivili, is-sħab soċjali u l-awtoritajiet lokali biex japprofondixxu d-djalogu politiku u l-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet, itejbu l-forniment tal-AfT u jkun hemm monitoraġġ aħjar tar-riżultati. Il-parteeipazzjoni effettiva tas-soċjetà ċivili, inkluż Gruppi Konsultattivi Domestiċi tal-FTAs tal-UE, għandhom jissaħħu.
9. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jagħtu attenzjoni partikolari lil infrastruttura ta' kwalità sostenibbli, il-konformità ma' standards, il-miżuri sanitarji u fitosanitarji, il-faċilitazzjoni tal-kummerċ, inkluż il-Ftehim tal-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ tad-WTO u d-diġitalizzazzjoni tal-għajnuna AfT tagħhom. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jużaw l-AfT biex jattiraw l-investiment dirett barrani u jappoġġaw l-akkwist pubbliku sostenibbli u trasparenti, itejbu l-oqfsa regulatorji kif ukoll l-iżvilupp tas-swieq agrikoli u tas-sajd sostenibbli fil-pajjiżi sħab.

10. Il-Kunsill jagħraf li l-kummerċ, l-investiment u l-AfT tal-UE jistgħu jgħinu biex tinbena reżiljenza, jissaħħaħ il-bini tal-kapaċità istituzzjonali u jħejju s-sisien għal żvilupp ekonomiku sostenibbli u inklużiv. L-AfT jista' jixpruna b'mod effettiv il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn is-sessi, l-emanċipazzjoni ekonomika tan-nisa, l-intraprenditorija tan-nisa, il-governanza tajba, l-istat tad-dritt, il-kondotta responsabbli tan-negozju, is-sostenibbiltà soċjali u ambjentali u l-indirizzar tal-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni irregolari. Il-Kunsill jenfasizza li l-AfT għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima u għalhekk tgħin għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jieħdu inkonsiderazzjoni dawn il-kwistjonijiet trasversali fil-formulazzjoni tal-programmi AfT sabiex jiżguraw qafas b'saħħtu u rigoruż tal-analiżi tal-impatt tal-implimentazzjoni tal-AfT fuq dawn l-oqsma ta' politika.
11. L-UE u l-Istati Membri tagħha jissottolinjaw l-impenn tagħhom biex jiżdiedu l-isforzi tal-AfT għall-pajjiżi l-anqas żviluppati, il-pajjiżi f'sitwazzjonijiet fraġli jew affettwati minn konflitt. Il-Kunsill jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni biex jiżdied b'mod progressiv is-schem tal-AfT tal-UE indirizzat lejn il-pajjiżi l-anqas żviluppati, il-pajjiżi f'sitwazzjonijiet fraġli jew affettwati minn konflitt bil-għan li jinkisbu l-livelli definiti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-AfT⁵. Il-ħtiġijiet tal-Pajjiżi li qed Jiżviluppaw Imdawrin bl-Art, li għalihom il-faċilitazzjoni tal-kummerċ u l-infrastruttura kummerċjali huma l-muturi ewlenin tal-iżvilupp, kif ukoll is-SIDS, għandhom jiġu kkunsidrati. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser isegwu wkoll impenn dwar l-AfT ma' Pajjiżi bi Dħul Medju, inkluż fuq il-bini tal-kapaċità, u l-iżvilupp ta' approċċi diversifikati u mfassla apposta għal kooperazzjoni ma' pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw li huma aktar avvanzati, li jiffukaw fuq oqsma ta' interess reċiproku, u li jippromwovu kooperazzjoni trijangolari u Nofsinhar-Nofsinhar.
12. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser isaħħu l-AfT tal-UE billi jittejbu l-użu u l-kwalità tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni sabiex jiġi segwit il-progress li jkun sar lejn indikaturi speċifikati tar-riżultati, tivvaluta l-impatt tal-AfT tal-UE b'mod aktar preċiż u jiġu identifikati l-aħjar prattiki.

⁵ 14312/17 - COM(2017) 667 final

13. L-UE u l-Istati Membri tagħha jirriaffermaw l-impenn tagħhom li jsegwu approċċ aktar strateġiku tal-AfT f'kollaborazzjoni ma' sħab oħra tal-iżvilupp, u organizzazzjonijiet multilaterali, b'mod partikolari d-WTO, l-OECD u n-NU u b'hekk jikkontribwixxu b'mod attiv f'diskussjonijiet globali dwar it-titjib ulterjuri tal-inizjattiva tal-AfT. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jiġu promossi l-prinċipji internazzjonali rilevanti dwar il-kondotta kummerċjali responsabbli u jhegġegħ sinerġiji ma' proċessi rilevanti oħra, inkluż inizjattivi tal-G20.
 14. Il-Kunsill jappella għal implimentazzjoni rapida tal-istrateġija tal-AfT aġġornata mill-UE u l-Istati Membri tagħha. Il-Kunsill jistieden ukoll lill-Kummissjoni biex tippreżenta aġġornamenti regolari dwar il-progress u r-riżultati li saru fil-qafas tar-rappurtar eżistenti.
-